SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

13 ta' Diċembru 2012 *

"Moviment liberu tal-ħaddiema — Artikolu 45 TFUE — Sussidju għar-reklutaġġ ta' ħaddiema qiegħda ta' età ikbar u ta' ħaddiema li ilhom qiegħda għal tul ta' żmien — Kundizzjoni ta' reġistrazzjoni ma' aġenzija tax-xogħol tal-amministrazzjoni tal-impjiegi nazzjonali — Kundizzjoni ta' residenza — Restrizzjoni — Ġustifikazzjoni"

Fil-Kawża C-379/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour administrative (il-Lussemburgu), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Lulju 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Lulju 2011, fil-proċedura

**Caves Krier Frères Sàrl**

vs

**Directeur de l'Administration de l'emploi,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Rosas, li qed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, U. Lõhmus, A. Ó Caoimh (Relatur), A. Arabadjiev u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Ġunju 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Caves Krier Frères Sàrl, minn M. Mailliet, avukat,

— għall-Gvern Lussemburgiż, minn C. Schiltz, bħala aġent, assistit minn G. Pierret u S. Coï, avukati,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u D. Hadroušek, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Szpunar u B. Majczyna, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Rozet, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2012,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 21 TFUE u 45 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Caves Krier Frères Sàrl (iktar 'il quddiem "Caves Krier") u l-Administration de l'emploi (iktar 'il quddiem l-"ADEM"), dwar ir-rifjut ta' għoti ta' sussidju għar-reklutaġġ ta' ħaddiema qiegħda ta' età ikbar u ta' ħaddiema li ilhom qiegħda għal tul ta' żmien.

### Il-kuntest ġuridiku Lussemburgiż

3 Skont l-Artikolu L. 541-1 tal-code du travail (Kodiċi tax-Xogħol):

"Meta persuna li timpjega fis-settur privat tirrekluta ħaddiem qiegħed, il-fond tal-impjieg għandu jirrimborsa lill-istess persuna li timpjega kemm is-sehem tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-persuna li timpjega kif ukoll dak tal-impjegat, indipendentement minn jekk il-ħaddiem qabel kienx qiegħed jirċievi benefiċċju tal-qgħad, iżda bil-kundizzjoni li huwa għandu iktar minn [45] sena u kien irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol ma' aġenzija tax-xogħol tal-[ADEM] għal mill-inqas xahar.

Il-persuni li qed ifittxu xogħol li għandhom bejn [40] u [44] sena magħluqa għandhom ikunu rreġistrati bħala persuni li qed ifittxu xogħol ma' aġenzija tax-xogħol tal-[ADEM] għal mill-inqas tliet xhur u dawk li għandhom bejn [30] u [39] sena magħluqa għal mill-inqas tnax-il xhar.

Il-kundizzjoni tar-reġistrazzjoni ma' aġenzija tax-xogħol tal-[ADEM] ma tapplikax għall-persuni li qed ifittxu xogħol li għandhom [40] sena magħluqa u li huma milquta minn skema ta' żamma tal-impjieg skont l-Artikolu L. 513-3, irrikonoxxuta mill-Ministru responsabbli għall-Impjieg."

4 L-Artikolu L. 622-6(1) tal-istess Kodiċi tax-Xogħol jipprovdi li l-persuni qiegħda kollha, li jkunu qegħdin ifittxu xogħol, huma obbligati li jirreġistraw bħala persuni li qed ifittxu xogħol mal-[ADEM].

### It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

5 M. Schmidt-Krier, ċittadina Lussemburgiża mwielda fit-30 ta' Lulju 1955, tirrisjedi mar-raġel tagħha fil-Ġermanja, fil-viċinanzi tal-fruntiera Lussemburgiża. Hija dejjem ħadmet fil-Lussemburgu.

6 Fl-1 ta' Mejju 2008, M. Schmidt-Krier, li dak iż-żmien kellha 52 sena, kienet ġiet irreklutata minn Caves Krier, kumpannija bis-sede tagħha f'Remich (il-Lussemburgu), fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat.

7 Fit-2 ta' Settembru 2009, wara r-reklutaġġ ta' M. Schmidt-Krier, Caves Krier ressqet quddiem l-ADEM talba għas-sussidju għar-reklutaġġ ta' ħaddiema qiegħda ta' età ikbar u ta' ħaddiema li ilhom qiegħda għal tul ta' żmien skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol.

8 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Settembru 2008, l-ADEM ċaħdet din it-talba peress li M. Schmidt-Krier ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni bħala persuna li qed tfittex xogħol mal-ADEM għal mill-inqas xahar, kif previst minnn din id-dispożizzjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

9 Fil-11 ta' Jannar 2010, Caves Krier ippreżentat, quddiem it-Tribunal administratif (Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza), rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li fih hija enfasizzat li M. Schmidt-Krier kienet irreġistrata bħala persuna li qed tfittex xogħol fil-Ġermanja u li hija kienet ħadmet ħajjitha kollha fil-Lussemburgu, filwaqt li kienet irreġistrat bħala persuna qiegħda fil-Ġermanja biss minħabba li hija u r-raġel tagħha kienu ttrasferew ir-residenza tagħhom hemmhekk, filwaqt li kompliet taħdem fil-Lussemburgu.

10 Caves Krier ibbażat ir-rikors tagħha fuq motiv uniku bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza quddiem il-liġi kif stabbilit mill-Kostituzzjoni tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, inkwantu l-leġiżlazzjoni applikabbli u, għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata jagħmlu, fir-rigward tal-għoti tas-sussidju inkwistjoni, differenza fit-trattament bejn ċittadin Lussemburgiż residenti fil-Lussemburgu u ċittadin Lussemburgiż residenti barra mill-pajjiż, li kemm wieħed kif ukoll l-ieħor ħadmu fil-Lussemburgu, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament ma hija ġġustifikata minn kriterji oġġettivi.

11 Fis-sentenza tiegħu tal-14 ta' Lulju 2010, it-Tribunal administratif ċaħad dan ir-rikors minħabba li M. Schmidt-Krier ma kinitx issodisfat, fil-mument tar-reklutaġġ tagħha, il-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni mal-ADEM. Fir-rigward tal-ksur tal-prinċipju kostituzzjonali ta' ugwaljanza fit-trattament, din il-qorti qieset li s-sitwazzjoni ta' ħaddiem qiegħed residenti fil-Lussemburgu, awtorizzat minħabba f'dan il-fatt jirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol mal-ADEM, ma tistax titqabbel ma' dik ta' ħaddiem qiegħed li, peress li ma huwiex residenti fil-Lussemburgu, ma jistax jirreġistra ma' din l-amministrazzjoni, iżda għall-kuntrarju għandu jirreġistra mal-aġenzija tax-xogħol tal-Istat Membru ta' residenza tiegħu.

12 Fit-12 ta' Awwissu 2010, Caves Krier, billi invokat in-nuqqas ta' kostituzzjonalità tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol, appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Cour administrative (Qorti tal-Appell Amministrattiva).

13 Fil-kuntest ta' din il-kawża li tressqet quddiemha, il-Cour constitutionnelle (Qorti Kostituzzjonali), permezz tad-Digriet tagħha Nru 64/11 tal-4 ta' Mejju 2011 (*Mémorial* A 2011, p. 1572), ikkonkludiet li din id-dispożizzjoni kienet konformi mal-Kostituzzjoni Lussemburgiża.

14 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-Cour administrative tqis, madankollu, li din il-kawża tqajjem kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, huwa paċifiku li biss ir-residenti jistgħu jirreġistraw mal-ADEM. Għaldaqstant, peress li s-sussidju għar-reklutaġġ previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol huwa suġġett għal tali reġistrazzjoni, dan is-sussidju huwa fil-fatt irriżervat għall-persuni li jimpjegaw ħaddiema qiegħda residenti. Din id-dispożizzjoni tista' għaldaqstant tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni fis-sens tal-Artikoli 21 TFUE u 45 TFUE, peress li l-persuna li potenzjalment timpjega ħaddiem qiegħed li għandu iktar minn 45 sena hija mwassla tippreferi tirrekluta resident Lussemburgiż peress li r-reklutaġġ ta' dan biss jippermettilha tibbenefika mis-sussidju inkwistjoni.

15 Il-qorti tar-rinviju tosserva li peress li l-Istat Lussemburgiż ma kienx irrappreżentat fil-proċeduri quddiemha, huwa ma kellux il-possibbiltà li jistabbilixxi jekk ir-restrizzjoni relatata mar-residenza kinitx ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess pubbliku li huma indipendenti miċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati u proporzjonati għall-għan leġittimu tal-miżura nazzjonali inkwistjoni. Din il-qorti tqis li hija ma hijiex f'pożizzjoni li tiġġustifika dawn il-miżuri minn jeddha.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour administrative iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"[L-ewwel subparagrafu] tal-Artikolu 541-21 tal-Kodiċi tax-Xogħol Lussemburgiż, peress li jirriżerva d-dritt għal rimbors tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, parzjalment minn min iħaddem u parzjalment mill-assigurat, għal persuni qiegħda li jkunu ta' età 'il fuq minn [45] sena, kemm jekk

ikunu ġew ikkumpensati kif ukoll jekk ma jkunux ġew ikkumpensati, għal persuni li jħaddmu fis-settur privat, sa kemm il-persuni qiegħda jkunu rreġistrati bħala persuni li qed ifittxu x-xogħol ma' aġenzija tax-xogħol tal-[ADEM] għal mill-inqas xahar, filwaqt li persuni li jħaddmu li jimpjegaw persuni qiegħda rreġistrati bħala persuni li qed ifittxu x-xogħol ma' organizzazzjonijiet korrispondenti barra mill-pajjiż ma jibbenefikawx minn din il-miżura, huwa konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikoli 21 [TFUE] u 45 [TFUE]?"

## Fuq id-domanda preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

17 L-ewwel nett, il-Gvern Awstrijak isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju ma speċifikatx bi preċiżjoni l-fatti rilevanti tal-każ u d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli. Fil-fatt, minkejja li miċ-ċitazzjoni litterali tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol kif ukoll mill-kliem tad-domanda ma jirriżultax li l-għoti tas-sussidju għar-reklutaġġ ikkontestat lill-persuna li timpjega huwa limitat għall-persuni residenti fil-Lussemburgu, id-deċiżjoni tar-rinviju tidher li tapplika din il-limitazzjoni. Għaldaqstant, ma huwiex ċert jekk hemmx lok li tiġi eżaminata f'dan il-każ il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' kundizzjoni ta' residenza jew, sempliċement, tar-reġistrazzjoni obbligatorja mal-ADEM.

18 Din l-oġġezzjoni ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 14 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju indikat biċ-ċarezza kollha meħtieġa, fid-deċiżjoni tagħha li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatti rilevanti tal-kawża prinċipali u identifikat bi preċiżjoni d-dispożizzjoni nazzjonali applikabbli għaliha, jiġifieri l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol. Barra minn hekk din il-qorti indikat l-interpretazzjoni tagħha tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, billi konstatat li huwa paċifiku li biss ir-residenti fit-territorju nazzjonali jistgħu jirreġistraw bħala persuni li qed ifittxu xogħol mal-ADEM. Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tagħti lill-qorti tar-rinviju tweġiba utli sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiddeċiedi dwar it-tilwima fil-kawża prinċipali.

19 It-tieni nett, il-Gvern Ċek jistaqsi jekk id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju hijiex ipotetika peress li, minkejja dak li huwa stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol, M. Schmidt-Krier kienet ġiet irreklutata minn Caves Krier.

20 Għalkemm huwa minnu li r-rifjut li Caves Krier tingħata s-sussidju għar-reklutaġġ previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol ma impedixxix lil din il-kumpannija milli tirrekluta lil M. Schmidt-Krier, xorta jibqa' l-fatt li, hekk kif il-Gvern Ċek ikkonċeda huwa stess fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, tali rifjut xorta waħda għandu bħala effett li dan ir-reklutaġġ sar f'kundizzjonijiet inqas favorevoli mir-reklutaġġ ta' persuna li qed tfittex xogħol li għandha iktar minn 45 sena li hija rreġistrata mal-ADEM, fatt li, skont Caves Krier, jikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema previst mid-dritt tal-Unjoni, u għaldaqstant, ta lok għal tilwima bejnha u bejn l-ADEM. F'dawn il-kundizzjonijiet, ma jistax jitqies li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju hija waħda ipotetika.

21 Fit-tielet u fl-aħħar nett, il-Gvern Ċek jirrileva li d-domanda magħmula tista' wkoll tkun inammissibbli inkwantu mid-deċiżjoni tar-rinviju jidher li jirriużulta li M. Schmidt-Krier kienet irreġistrata bħala persuna li qed tfittex xogħol fil-Ġermanja, filwaqt li, fl-istess żmien, hija kienet tħadem fil-Lussemburgu.

22 Madankollu, peress li l-qorti tar-rinviju kkonstatat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol kien applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, fatt li jippreżumi li M. Schmidt-Krier kienet f'sitwazzjoni ta' qagħad fil-mument tar-reklutaġġ tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, li fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari ma għandhiex il-kompitu li tevalwa l-fatti, ma tistax tiddubita din il-premessa.

23 Għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

24 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 21 TFUE u 45 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti, lill-persuni li jimpjegaw, ta' sussidju għar-reklutaġġ ta' ħaddiema qiegħda li għandhom iktar minn 45 sena għall-kundizzjoni li l-ħaddiem qiegħed irreklutat ikun irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol f'dan l-istess Stat Membru, inkwantu tali reġistrazzjoni hija suġġetta għal kundizzjoni ta' residenza fit-territorju nazzjonali.

25 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, kull ċittadin ta' Stat Membru, indipendentement mill-post ta' residenza tiegħu u min-nazzjonalità tiegħu, li eżerċita d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema u li eżerċita attività professjonali fi Stat Membru għajr dak tar-residenza tiegħu, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Ritter-Coulais, C-152/03, Ġabra p. I-1711, punt 31, u tat-18 ta' Lulju 2007, Hartmann, C-212/05, Ġabra p. I-6303, punt 17).

26 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kuntest tal-Artikolu 45 TFUE, persuna li twettaq, matul ċertu perijodu, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li għalihom hija titħallas għandha titqies bħala ħaddiem. Ladarba r-relazzjoni ta' xogħol tkun intemmet, il-persuna kkonċernata titlef bħala regola ġenerali l-kwalità ta' ħaddiem, għalkemm, minn naħa, din il-kwalità tista' tipproduċi ċerti effetti wara l-waqfien tar-relazzjoni tax-xogħol, u min-naħa l-oħra, persuna li ġenwinament tkun qed tfittex xogħol għandha wkoll tiġi kkwalifikata bħala ħaddiem (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 1998, Martínez Sala, C-85/96, Ġabra p. I-2691, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Minn dan jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' ħaddiem tal-fruntiera, bħal M. Schmidt-Krier, li, wara li jkun tilef l-impjieg tiegħu fi Stat Membru għajr dak li fih tinsab ir-residenza reali tiegħu, isib impjieg ieħor fi Stat Mebru ieħor fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE.

28 Għalkemm huwa stabbilit li d-drittijiet ta' moviment liberu previsti f'dan l-artikolu jibbenefikaw lill-ħaddiema, inklużi lill-persuni li qed ifittxu xogħol, xejn fil-kliem ta' dan l-artikolu ma jindika li dawn id-drittijiet ma jistgħux jiġu invokati minn oħrajn. Fil-fatt, sabiex ikun effikaċi u utli, id-dritt tal-ħaddiema li jiġu rreklutati u impjegati mingħajr diskriminazzjoni għandu neċessarjament ikollu bħala korollarju tiegħu d-dritt tal-persuni li jimpjegaw li jirreklutawhom b'osservanza għar-regoli fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ara s-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1998, Clean Car Autoservice, C-350/96, Ġabra p. I-2521, punti 19 u 20, kif ukoll tal-11 ta' Jannar 2007, ITC, C-208/05, Ġabra p. I-181, punti 22 u 23).

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, persuna li timpjega bħal Caves Krier tista' tinvoka drittijiet direttament rikonoxxuti lill-ħaddiema mill-Artikolu 45 TFUE.

30 Safejn il-kawża prinċipali taqa' taħt din id-dispożizzjoni, ma huwiex neċessarju li tittieħed deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 TFUE. Fil-fatt, din l-aħħar dispożizzjoni, li tistabbilixxi b'mod ġenerali d-dritt, għal kull ċittadin tal-Unjoni, li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament

fit-territorju tal-Istati Membri, hija espressa b'mod speċifiku fl-Artikolu 45 TFUE fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ITC, iċċitata iktar 'il fuq, punti 64 u 65; tal-11 ta' Settembru 2007, Hendrix, C-287/05, Ġabra p. I-6909, punti 61 u 62, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2012, Prete, C-367/11, punt 20).

31 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxix restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-persuni huma intiżi sabiex jiffaċilitaw, fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istati Membri, l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' kwalunkwe natura fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u jipprekludu miżuri li jistgħu jqiegħdu fi żvantaġġ lil dawn iċ-ċittadini meta jkunu jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ITC, iċċitata iktar 'il fuq, punt 31, u tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais, C-325/08, Ġabra p. I-2177, punt 33).

32 Il-Gvern Lussemburgiż madankollu jsostni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bl-ebda mod ma tippreġudika l-moviment liberu tal-ħaddiema peress li din ma tipprevedi ebda kundizzjoni ta' residenza. Id-domanda magħmula hija bbażata f'dan ir-rigward fuq interpretazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-qorti tar-rinviju. Kull ħaddiem qiegħed mhux residenti jista' fil-fatt jirreġistra mal-ADEM. Għaldaqstant, l-Artikolu L. 6222-6(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprovdi ċarament li kull persuna bla xogħol, li qed tfittex xogħol, hija obbligata tirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol mal-ADEM. Għalkemm impjegat ta' nazzjonalità Lussemburgiża li jirrisjedi fil-Ġermanja għandu ċertament jirreġistra mal-amministrazzjoni tal-impjiegi Ġermaniża sabiex eventwalment jirċievi allowances tal-qgħad, ebda test tal-liġi Lussemburgiża ma jimpedixxi lil tali impjegat milli jirreġistra mal-ADEM sabiex jinżamm informat dwar pożizzjonijiet ta' xogħol vakanti fil-Lussemburgu u sabiex jippermetti lill-persuna li timpjegah tibbenefika mid-drittijiet li jirriżultaw mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol.

33 Il-Gvern Lussemburgiż għaldaqstant iqis li la din id-dispożizzjoni u lanqas l-Artikolu L. 6226-6(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol ma huma diskriminatorji fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, peress li ebda kriterju ta' ċittadinanza jew ta' residenza li jikkonċerna lill-persuna li qed tfittex xogħol ma huwa neċessarju sabiex persuna li timpjega tista' titlob is-sussidju inkwistjoni. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 ta' dan il-Kodiċi barra minn hekk jippreċiża b'mod ċar li l-persuna li timpjega għandha tiġi rrimborsata l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema qiegħda rreklutati, indipendentement minn jekk dawn qabel kienux qed jirċievu benefiċċju tal-qgħad. Fil-kawża prinċipali, l-ADEM għaldaqstant illimitat ruħha tikkonstata, fid-deċiżjoni kkontestata, li M. Schmidt-Krier ma kinitx issodisfat il-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni ma' din l-amministrazzjoni. Min-naħa l-oħra hija bl-ebda mod ma ħadet deċiżjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni bbażata fuq motivi diskriminatorji fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni.

34 Skont dan il-Gvern minn dan jirriżulta li l-ħaddiema residenti fit-territorju Lussemburgiż, bħaċ-ċittadini ta' Stat Membri oħra li jaħdmu fil-Lussemburgu jew bħaċ-ċittadini Lussemburgiżi li jaħdmu fil-Lussemburgu u residenti fi Stat Membru ieħor, huma suġġetti għall-istess obbligi. Għaldaqstant ma teżistix differenza fit-trattament bejniethom peress li huma kollha jistgħu jirreġistraw mal-ADEM.

35 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali ta' Stat Membru (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, Naftiliaki Etaireia Thasou u Amaltheia I Naftiki Etaireia, C-128/10 u C-129/10, Ġabra p. I-1885, punt 40).

36 Għaldaqstant ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest ta' rinvju għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u dwar jekk l-interpretazzjoni li tagħti l-qorti tar-rinvju hijiex korretta (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, Ġabra p. I-3071, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha min-naħa l-oħra tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali u legiżlattiv, kif iddefinit fid-deċiżjoni tar-rinviju, li d-domandi preliminari jagħmlu parti minnu (sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Pontin, C-63/08, Ġabra p. I-10467, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Għaldaqstant, irrispettivament mill-kritika espressa mill-Gvern Lussemburgiż fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali adottata mill-qorti tar-rinviju, l-eżami ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għandu jsir fid-dawl tal-interpretazzjoni ta' dan id-dritt mogħtija minn din l-aħħar qorti (ara, b'analoġija, is-sentenza Pontin, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

39 Issa, hekk kif jirriżulta diġà mill-punt 18 ta' din is-sentenza, anki jekk f'din il-kawża ma huwiex ikkontestat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tipprevedix b'mod espliċitu li r-reġistrazzjoni mal-ADEM hija suġġetta għal kundizzjoni ta' residenza fil-Lussemburgu, il-qorti tar-rinviju kkonstatat, fid-deċiżjoni tagħha li tressaq kawża għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa paċifiku li biss ir-residenti jistgħu jirreġistraw mal-ADEM.

40 Barra minn hekk mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din l-interpretazzjoni wkoll ġiet adottata, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, mit-Tribunal adminisrtatif fid-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Lulju 2010 kif ukoll mill-Cour constitutionnelle fid-Digriet tagħha Nru 64/11 tal-4 ta' Mejju 2011.

41 Barra minn hekk, mid-dokumenti pprovduti minn Caves Krier b'risposta għal domanda bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għalkemm is-sit Internet intiż għall-persuni li qed ifittxu xogħol fil-Lussemburgu jindika fil-qosor li l-ħaddiema tal-fruntiera li jixtiequ jagħmlu dan jistgħu jirreġistraw mal-ADEM, din l-indikazzjoni hija kkontradixxuta minn siltiet oħra fl-istess sit kif ukoll minn diversi dokumenti oħra, li għall-kuntrarju jenfasizzaw li, sabiex tirreġistra mal-ADEM, persuna li qed tfittex xogħol għandha tirrisjedi f'dan l-Istat Membru. Barra minn hekk, għalkemm mix-xogħol preparatorju relatat mar-riforma tal-ADEM, ukoll ipprovdut minn Caves Krier, jirriżulta li, mis-sena 2012, il-ħaddiema tal-fruntiera li jkunu tilfu x-xogħol tagħhom fil-Lussemburgu ser ikollhom aċċess għas-servizzi kollha tal-ADEM, xorta jibqa' l-fatt li din ir-riforma, li ma kinitx fis-seħħ fil-mument tal-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali, tissuġġerixxi bil-kbir l-idea li tali aċċess kien eskluż qabel is-sena 2012.

42 Għaldaqstant, għall-finijiet tal-eżami ta' din id-domanda preliminari, wieħed għandu jibbaża ruħu fuq l-ipoteżi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissuġġetta r-reġistrazzjoni mal-ADEM u, għaldaqstant, l-għoti tas-sussidju għar-reklutaġġ previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 541-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol, għal kundizzjoni ta' residenza fil-Lussemburgu, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tintroduċi differenza fit-trattament bejn, minn naħa, iċ-ċittadini tal-Istati Membri li għandhom il-kwalità ta' persuni li qed ifittxu xogħol residenti fit-territorju tal-Lussemburgu u, min-naħa l-oħra, l-istess ċittadini li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor.

44 Billi tissuġġetta l-għoti tas-sussidju għar-reklutaġġ għall-kundizzjoni li l-persuna li qed tfittex xogħol ikollha r-residenza tagħha fil-Lussemburgu, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali għaldaqstant tqiegħed lil ċerti ħaddiema fi żvantaġġ minħabba s-sempliċi fatt li huma stabbilixxew ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor.

45 Minħabba dan, tali leġiżlazzjoni tista' tiskoraġġixxi lil persuna li timpjega stabbilita fil-Lussemburgu milli tirrekluta lil persuna li qed tfittex xogħol li, bħal M. Schmidt-Krier fil-kawża prinċipali, ma hijiex residenti f'dan l-Istat Membru, peress li tali reklutaġġ, bid-differenza tar-reklutaġġ ta' persuna li qed tfittex xogħol li hija residenti fl-istess Stat Membru, ma jippermettix lil din il-persuna li timpjega tibbenefika mis-sussidju għar-reklutaġġ.

46 Minn dan jirriżulta li din l-istess leġiżlazzjoni tista' tirrendi iktar diffiċli l-aċċess għall-impjieg fil-Lussemburgu ta' ħaddiem tal-fruntiera li, bħal M. Schmidt-Krier, jinsab f'sitwazzjoni ta' qgħad.

47 Tali leġiżlazzjoni nazzjonali, li tirriżerva għall-ħaddiema mhux residenti trattament inqas vantaġġuż minn dak li jibbenefikaw minnu l-ħaddiema residenti fil-Lussemburgu, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà rikonoxxuta lill-ħaddiema permezz tal-Artikolu 45 TFUE (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 2005, van Pommeren-Bourgondiën, C-227/03, Ġabra p. I-6101, punt 44, u Ritter-Coulais, iċċitata iktar 'il fuq, punti 37 u 38).

48 Miżura li tirrestrinġi l-moviment liberu tal-ħaddiema tista' tiġi aċċettata biss jekk din tkun trid tilħaq għan leġittimu kompatibbli mat-Trattat u jekk tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Però, f'każ bħal dan, ikun meħtieġ li l-applikazzjoni ta' tali miżura tkun adatta sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan inkwistjoni u ma teċċedix dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq ITC, punt 37, u Olympique Lyonnais, punt 38).

49 Skont ġurisprudenza stabbilita, huma l-Istati Membri li għandhom, meta jadottaw miżura li tidderoga minn prinċipju stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, jagħtu prova, f'kull każ partikolari, li din il-miżura tista' tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. Għaldaqstant, ir-raġunijiet ġustifikattivi li jistgħu jiġu invokati minn Stat Membru għandhom ikollhom magħhom analiżi tal-adattezza u tal-proporzjonalità tal-miżura adottata minn dan l-Istat, kif ukoll elementi preċiżi li jippermettu li jiġi ssostanzjat l-argument tiegħu (sentenza tat-13 ta' April 2010, Bressol *et*, C-73/08, Ġabra p. I-2735, punt 71).

50 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Gvern Lussemburgiż, minkejja d-domandi magħmula f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta, ma ppruvax jiddeskrivi l-għan li jrid jintlaħaq mill-kundizzjoni ta' residenza imposta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għar-reġistrazzjoni mal-ADEM u għaldaqstant għall-għoti tas-sussidju għar-reklutaġġ, billi llimita ruħu jiġġustifika l-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni ma' din l-amministrazzjoni, u, għaldaqstant, li dan il-Gvern ma pproduċiex l-iċken prova bil-għan li jiġġustifika din il-kundizzjoni ta' residenza għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali protetti mill-Artikolu 45 TFUE.

51 Bil-għan li tingħata risposta kompleta lill-qorti tar-rinviju, għandu jitfakkar li, bla dubju ta' xejn il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huma l-Istati Membri li għandhom jagħżlu l-miżuri li jistgħu jilħqu l-għanijiet li huma jridu jilħqu fil-qasam tal-impjiegi. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza. Barra minn hekk, ma jistax jiġi kkontestat li l-inkoraġġiment tar-reklutaġġ jikkostitwixxi għan leġittimu ta' politika soċjali (ara s-sentenza ITC, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom fil-qasam tal-politika soċjali ma tistax tiġġustifika li jiġu ppreġudikati d-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxu l-libertajiet fundamentali tagħhom (ara s-sentenza ITC, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Issa, f'dan ir-rigward għandu b'mod partikolari jitfakkar li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kundizzjoni ta' residenza hija, bħala prinċipju, inadatta, fir-rigward tal-ħaddiema migranti u tal-fruntiera, peress li dawn, billi daħlu fis-suq tax-xogħol ta' Stat Membru, ħolqu, bħala prinċipju, rabta ta' integrazzjoni suffiċjenti fis-soċjetà ta' dan l-Istat li tippermettilhom jibbenefikaw fih mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fir-rigward, rispettivament, tal-ħaddiema nazzjonali u tal-ħaddiema residenti. Ir-rabta ta' integrazzjoni tirriżulta b'mod partikolari mill-fatt li, flimkien mal-kontribuzzjonijiet fiskali li huma jħallsu fl-Istat Membru ospitanti skont l-attività mħallsa li huma jeżerċitaw fih, il-ħaddiema migranti u tal-fruntiera jikkontribwixxu wkoll għall-finanzjament tal-politika soċjali ta' dan l-Istat (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-542/09, punti 63, 65 u 66 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

54 Għaldaqstant, huwa paċifiku, fil-kawża prinċipali, li M. Schmidt-Krier, għalkemm ma tirrisjedix fil-Lussemburgu, hija ħaddiema tal-fruntiera ċittadina ta' dan l-Istat Membru li ħadmet ħajjitha kollha fih. Għaldaqstant, hija tidher integrata fis-suq tax-xogħol Lussemburgiż.

55 Fid-dawl ta' dan li jippreċedi, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti, lill-persuni li jimpjegaw, ta' sussidju għar-reklutaġġ ta' ħaddiema qiegħda li għandhom iktar minn 45 sena għall-kundizzjoni li l-ħaddiem qiegħed irreklutat ikun irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol f'dan l-istess Stat Membru, inkwantu tali reġistrazzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, hija suġġetta għal kundizzjoni ta' residenza fit-territorju nazzjonali.

## Fuq l-ispejjeż

56 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti, lill-persuni li jimpjegaw, ta' sussidju għar-reklutaġġ ta' ħaddiema qiegħda li għandhom iktar minn 45 sena għall-kundizzjoni li l-ħaddiem qiegħed irreklutat ikun irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol f'dan l-istess Stat Membru, inkwantu tali reġistrazzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, hija suġġetta għal kundizzjoni ta' residenza fit-territorju nazzjonali.**

Firem